MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 73/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Michael Mallia)**
**Vs**

**Mark Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fix-Xghajra, limiti ta' Haz-Zabbar, fl-24 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tal-5.30 p.m. :
1) bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' missieru Mario Mizzi, kif ukoll il-persuna ta' Mario Aquilina f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterjuri w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ta n-nar lil dar u cioe' "Mirage" li hija sitwata fi Triq iz-Zarzarella, Haz-Zabbar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna filwaqt tal-hruq, ghad-dannu tal-genituri tieghu Mario u Maria Stella Mizzi;
3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ta n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq u/jew talli volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-hin waqt li hemm gewwa jkun hemm xi persuna ghad-dannu ta' diversi girien;
4) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fid-dar tal-genituri tieghu, l-konjugi Mizzi, liema hsara tiskorri s-somma ta' hames mitt lira Maltin, u dan ghad-dannu tal-imsemmija konjugi Mizzi, u dan ai termini tal-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew sahha ta' Mario Aquilina minn B'Bugia, liema offiza hija ta' natura gravi billi ggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u dan ai termini tal-artikolu 216(1)(iii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
6) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dolozament b'sustanza esplossiva ghamel spluzzjoni li tista' tqighed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew jaghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor ai termini tal-artikolu 311 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li b'nota tad-29 ta' Lulju, 2003 (Fol. 180) l-Avukat Generali ndika biss l-artikoli 325(a) u 216(1)(a)(b)(c)(d) tal-kodici Kriminali li tahthom setghet tinstab htija kontra l-appellat, u cioe' riferibbilment biss ghar-raba' w l-hames akkuzi dedotti kontra l-appellat originarjament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 325(a), 216(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kodici Kriminali, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu minn kull akkuza dedotta kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta’ Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza ssib il-htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li l-Ewwel Qorti naqset li tinterpreta korrettement il-portata tal-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. L-Ewwel Qorti qalet li hawn si tratta ta’ persuna li tat in-nar lill-ghamara fid-dar tal-genituri tieghu w allura, stante li fl-istess artikolu jinghid *: “b’ mezzi xort’ ohra minn dawk imsemmija fl-artikoli ta’ qabel dan is-Sub-titolu”* , dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz. Illi huwa veru li fl-artikolu 315, 316, 317, 318 u 319 tal-Kodici Kriminali hemm referenza ghan-nar izda dan jirriferi ghall-kazijiet specifici bhal hruq ta’ tarznar jew dar. Illi ghalhekk meta qed issir din ir-referenza fl-art. 325, dan irid jigi interpretat fis-sens logiku tieghu w cioe’ ghall-kazijiet l-ohra kollha li mhux specifikati precedentement. Kull interpretazzjoni ohra tfisser li jekk, per ezempju, ikun hemm statwa tal-injam barra t-triq u din tigi disturtta illegalment bin-nar, allura ma hemmx reat. Illi l-Avukat Generali deherlu, kif kellu dritt jiddeciedi, li hawn kellu kaz ta’ bravata minn minuri li ried ipattiha lill-missieru ghal mod kif kien qed jittratta ma ommu. Bil-motiv li jdejjaq lill-missieru, qabbad l-ghamara tad-dar. L-iskop tal-appellat kien car li jaghmel hsara. Ghalhekk l-artikolu 325 kien perfettament applikabbli billi l-appellat irnexxielu fl-iskop tieghu li jaghmel hsara konsideevoli fl-ghamara. 2. Fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti kellha ukoll issib htija ghall-feriti gravi mill-provi prodotti. Il-feriti saru in konsegwenza tan-nar li l-appellat kien qabbad. Hu**

**kien jaf li bin-nar seta' jwegga' lil xi hadd u minnkejja hekk ha dan ir-risjku. Illi l-element essenzjali hu l-konsapevolezza li hu kien jaf li tista' ssir hsara lill-persuna. Infatti fl-istqarrija tieghu hu wera' d-dispjacir tieghu ghal dan. U jekk l-Ewwel Qorti ma kienetx sodisfatta li l-appellat kellu l-intenzjoni li jaghmel feriti volontarji, kellha certament ssib htija kompriza w involuta fl-akkuza w cioe' ta' feriti involontarji.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat ir-rikors tal-appellat tal-25 ta' April, 2006 biex hu jesebixxi *fuori termine* n-nota bid-dokumenti li juri d-dettalji tal-impieg tal-appellat u tal-edukazzjoni tieghu, kif kien gie mistieden li jaghmel minn din il-Qorti;**

**Rat id-Digriet taghha tal-istess data fejn akkordat it-talba;**

**Rat in-Nota tal-25 t' April, 2006 u d-dokumenti esebiti mill-appellat;,**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-Avukat Generali jilmenta li l-Ewwel Qorti, fuq il-fatti rizultanti, jmissha sabet htija taht l-artikolu 325 minnu ndikat fin-Nota tieghu tad-29 ta'Lulju, 2003 fuq imsemmija.**

**Illi l-fatti li taw lok ghal dik l-akkuza kienu brevement li l-appellat, allura guvni ta' hmistax il-sena, kien qed jara lill-genituri tieghu jippikaw fuq id-divizjoni tal-beni konjugali fil-kors ta' separazzjoni konteza. Il-Qorti kienet ordnat li l-omm toqghod fid-dar konjugali ma' uliedha minuri. Pero', meta marru d-dar, sabu li l-missier kien ha hafna mill-affarijiet ta' go fiha. L-**

**appellant iddecieda li jpattiha lil missieru w, meta god-dar ma kien hemm hadd hlief hu, tefa' kwantita' ta' petrol u wara tentattiv li falla li jincendja kollox b' sigarrett li intefa', fl-ahhar ta nar u ghamel hsara konsiderevoli fl-ghamara li kien ghad fadal u fil-fond. Irrizulta wkoll li certu Mario Aquilina, li wasal id-dar waqt l-inciendju, sofra feriti ta' natura gravi, meta, flimkien mall-missier, ipprova jidhol fid-dar biex jitfi n-nar.**

**Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-*actus reus* ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi , senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar,jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli,** b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

**Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi** spluzzjoni **doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel** sustanza esplussiva **(art. 313) ; dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi** mezz letali **u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew *toxins* jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred** materjal nukleari **li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti** n-nar **jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315) ; dak ta' min** jaghti n-nar lil dar ,

mahzen hanut , dar t' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq **(art. 316); dak ta' min volontarjament** jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc**. (art. 317); dak ta' min** jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa **(art. 318) dak ta' min** jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili**, ecc. (art. 319); dak ta'** espluzzjoni ta' mina **(art. 320); dawk ta'** wiri ta' dwal foloz **b' perikolu ghan-navigazzjoni u** qtugh ta' ktajjen **(art. 321, 322 u 323).**

**Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-**

**"(1) Kull min,** <u>B' MEZZI XORT' OHRA MINN DAWK</u> **<u>IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU</u> , volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)**

**Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b' success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b' mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.**

**Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li** ta nar **lill-**bini jew dar t' abitazzjoni **w b' hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu.**

**Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b' xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b' reat *"ad hoc"* taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f' dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.**

**Fil-fatt, fl-akkuza originali l-appellat kien proprju akkuzat b' incendju doluz skond l-artikoli 316 u 317,skond it-tieni w t-tielet imputazzjoni rispettivament kif ukoll bir-reat kontemplat fl-artikolu 311 cioe. dak ta' spluzzjoni doluza kif jidher fis-sitt imputazzjoni, oltre l-akkuza ta' tenattiv t' omicidju inkluza fl-ewwel imputazzjoni.**

**Gara' pero' li meta l-Avukat Generali ghamel in-nota tieghu fuq referita, fid-diskrezzjoni assoluta w insindakabbli tieghu w ghalhekk ghar-ragunijiet li jaf hu – li setghu anki kienu intizi biex ikunu benevoli mall-appellat - waqqa' dawn l-akkuzi l-ohra w illimita l-akkuzi ghar-raba' (art. 325(a) ) u l-hames (art. 216 (1)(a)(b)(c)(d) ) imputazzjonijiet.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi pero' fil-fehma ta' din il-Qorti , meta l-Avukat Generali ghamel hekk w illimita ruhu ghad-dispozizzjoni residwali kontenuta fl-artikolu 325, hu kien qed jipprospetta kaz ta' kkagunar ta' danni mhux b' xi wiehed mill-mezzi fuq elenkati kontemplati fl-artikoli precedenti, ghax il-kliem tal-ligi hu carissimu w ma jhalli ebda lok ghal interpretazzjoni differenti. Imma fil-fatt il-mezz kif gew kagjonati d-danni w cioe'** <u>n'nar</u> **kien proprju dak enuncjat b' mod car u lampanti fl-artikoli 316 u 317. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-*"mezzi xort' ohra"* imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b' artikoli ohra *"ad hoc"* . Kienet korretta ukoll l-Ewwel Qorti meta qalet li ma kienx il-kaz li tapplika l-**

**kuncett tal-kompriz w involut ma dawk ir-reati l-ohra, ghax dawn huma reati kommessi b' mezzi ghal kollox differenti li l-Ligi riedet li tittratta b' mod separat u distint, anki ghall-fini tas-sanzjoni li kull wiehed mir-reati igib mieghu.**

**Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.**

Dwar it-tieni aggravju tal-Avukat Generali, ghalkemm il-Prosekuzzjoni, fir-rikors tal-appell talbet li tinstab htija ta' offizi ta' natura gravi volontarji, subordinatament ikkontendiet li seta' jirrizulta r-reat kompriz w involut ta' offizi ta' natura gravi involontarji. Id-difiza lejalment ma tikkontestax li seta' jirrizulta dan ir-reat kompriz w involut. Anzi Dr. Giglio, ghall-appellat, irrileva li fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, hu kien proprju ssottometta li seta' jirrizulta r-reat ta' offiza gravi involontarja.(fol. 213 tal-process). Fil-kors tat-trattazzjoni ukoll, il-prosekuzzjoni dehret propensa li tikkonsidra din l-akkuza kompriza w involuta, bhala dik li kellha tirrizulta.

**Mill-ezami tal-provi, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konluzzjoni li l-appellat ma kellux l-intenzjoni li jikkaguna offizi volontarji fuq il-persuna ta' Mario Aquilina. Pero' daqstant ma tistax tifhem kif dan seta' jwassal lill-Ewwel Qorti biex legalment tillibera kompletament lill-appellant minn din l-akkuza minnflok ma ssibu hati tar-reat kompriz w involut ta' offiza ta' natura gravi <u>involontarja</u>. Illi hu car u manijfest li l-appellat – minkejja l-eta' tenera tieghu – seta' <u>facilment ippreveda</u> li kagun tan-nar li hu qabbad, seta jkorri xi hadd li jkun fil-vicin jew li jittanta jidhol jitfi n-nar. Hawn proprju jikkonkorru l-elementi tar-reat tal- offiza gravi involontarju w l-Ewwel Qorti kellha bil-fors issib htija tieghu bhala reat kompriz w involut. Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qed jigi milqugh limitatament u f' dan is-sens.**

**Ghar-rigward tal-piena applikabbli, din il-Qorti hija rinfaccjata b' dilemma serju. Mill-banda wahda**

**ghandek reat ta' ferita gravi involontarja kommess minn minuri ta' hmistax il-sena li nqabad fis-sitwazzjoni stressanti w difficli ta' separazzjoni miggielda bejn il-genituri tieghu, zamm ma' ommu w meta ra li din kienet qed tigi trattata mhux kif xtaq hu minn missieru, nfexx f' att irresponsabbli, billi ta nar lill-ghamara li kien fadal fid-dar ta' missieru biex bhal speci jpattihielu w "*out of spite".***

**Mill-banda l-ohra f' dawn is-sitt snin li din il-kawza hadet biex tigi deciza – zmien decizament twil u esagerat – dan il-minuri sar maggorenni w illum jahdem u jidher irzettat fuq xogholu. Kif tajjeb issottomettiet il-prosekuzzjoni dwar il-piena quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 237):-**

"…f' dan il-kaz wiehed irid janalizza c-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident pjuttost sfortunat. Hawn wiehed ma jistax jiskarta' l-fatt li fid-data li l-akkuzat allegatament ikkommetta dawn ir-reati huwa kien ghadu ta' eta' tenera. Inoltre wiehed ma jistax jiskarta lanqas ic-cirkostanzi li kien fihom l-akkuzat u cioe' f' sitwazzjoni bejn ommu w missieru li f' dak iz-zmien kellhom xi dizgwid matrimonjali."

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-piena ghar-reat ta' offiza gravi involontarja skond l-artikoli 216, 225 u 226 (1) (b) hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elf lira. Illi pero' stante li l-appellat kien ghadu minorenni, u precizament fl-eta' bejn erbatax u tmintax il-sena, meta kkometta dar-reat, il-piena trid tonqos bi grad jew tnejn skond l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. Hekk il-piena massima tonqos minn sitt xhur ghal wahda ta' tlitt xhur jekk tinzel bi grad wiehed u, jekk tinzel b' zewg gradi, l-piena ta' prigunerija massima tinzel ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn ghoxrin jum, jew ghad-detenzjoni jew ghall-ammenda.**

**Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, kif ukoll li l-appellat ghandu fedina penali nadifa ghal kollox, din**

**il-Qorti tara u tqis li ghandha tapplika l-provvediment tal-artikolu 28A, billi fil-waqt li tikkundanna lill-appellat ghall-piena karcerarja b' inzul ta' grad wiehed biss stante l-gravita' tal-kaz, tordna li s-sentenza m' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul periodu ta' erba snin mil-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati taht ir-raba' imputazzjoni w minnha lliberatu w in kwantu lliberat lill-appellat mill-hames imputazzjoni ta' offiza gravi volontarja, izda minnflok issibu hati tal-akkuza kompriza w involuta ta' offiza ta' natura gravi involontarja, u, wara li rat l-artikoli 216, 225, 226, 37, 31 u 28A tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellat ghal tlitt xhur prigunerija, liema sentenza pero' m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mil-lum, l-appellat jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv ta' erba snin reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------